# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum 20 ta' Jannar 2022**

Appell numru 333/2021

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Edgar URPANI**

Il-Qorti rat is-segwenti :

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar id-29 ta' Settembru 2021 fil-konfront ta' Edgar URPANI (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 292468M) li ġie mixli talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bejn Ġunju 2020 u Ottubru 2020 meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas milli jagħti lil Christina Galea s-somma hekk iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/jew għall-ulied fi żmien ħmistax -il jum minn dak -il jum li fih, skont l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha titħallas is-somma.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, sabet lill-appellant URPANI ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u ai termini tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta illiberatu bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena filwaqt li ordnatlu jħallas kwalunkwe pendenzi li setgħa kien hemm għall-perjodu meritu tal-kawża in kwistjoni.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-appellant URPANI appella minn din is-sentenza fejn talab lil Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha u tillibera lill-appellant mill-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu jew alternattivament tvarjaha in kwantu jikkonċerna l-piena inflitta u minflok tgħaddi biex tinfliġġi piena iżjed ekwa u ġusta u dan wara li ppremetta li l-Qorti tal-Maġistrati:

   (a) għamlet apprezzament żbaljat tal-fatti u tal-Liġi meta sabet lill-imputat appellant ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u dan peress li huwa kien konformi fil-ħlasijiet ta' manteniment għax-xhur ta' Settembru u Ottubru 2020. Essenzjalment l-appellant tenna li huwa kien ħallas ir-retta alimentarja għal dawn ix-xahrejn fil-ħin filwaqt li verament kien ħallas għall-kumplament tax-xhur inkriminati tardivament, iżda effettivament ħallas kollox;
   (b) naqset milli tagħmel apprezzament taċ-ċirkostanzi li sab ruħu fihom l-imputat appellant. Huwa saħaq li l-Qorti tal-Maġistrati naqset milli tieħu kont tas-sitwazzjoni diffiċli li sab ruħu fiha l-appellant minħabba l-pandemija. Iżda wkoll li huwa dejjem kien ħallas l-ammont mistenni minnu matul is-seba' snin li kienu ilhom mifrudin;
   (c) erogat piena li kienet sproporzjonata tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ. Huwa stqarr li dan kien ukoll każ ta' pika da parti tal-parte civile.

## D. IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

4. F'dan il-każ il-partijiet qegħdin jaqblu fuq il-fatt li l-appellant naqas milli jħallas il-manteniment fil-ħin, almenu għax-xhur ta' Ġunju, Lulju u Awissu 2020 mentri l-appellant jikkontendi li huwa ħallas kompletament il-manteniment għax-xhur ta' Settembru u Ottubru 2020 fil-ħin. Il-parte civile tirrikonoxxi li minn Ottubru 2020 hija kienet reġgħet bdiet tirċievi r-retta alimentarja mingħand l-appellant. Iżda huwa evidenti li hemm nuqqas ta' qbil bejn dawn il-partijiet dwar il-mod ta' kif kellhom jiġu approprjati l-pagamenti li l-appellant beda jagħmel sa minn Ottubru 2020.

5. Il-parte civile tgħid li l-appellant għamel pagamenti biex ikopru l-ammonti ta' manteniment dovuti minnu bejn Ottubru 2020 u Awissu 2021; hija tirrikonoxxi wkoll li f'dawn il-perjodi l-appellant għamel xi ħlasijiet mensili li kienu oltre t-tliet mitt euro mensili (€300) iżda hi ssostni li dawn kellhom imorru biex iħalsu l-arretrati ta' manteniment li l-appellant kellu magħha li kienu jmorru lura għall-ewwel tliet xhur tas-sena 2020 u li l-appellant ma kienx għadu ħallas.

6. Minn naħa tiegħu l-appellant ma qabilx ma din il-linja ta' ħsieb tal-parte civile. Huwa argumenta li r-retta alimentarja ta' Settembru 2020 u Ottubru 2020 tħalset fit-termini legali. Fil-fatt matul il-kontro-eżami d-Difensur tiegħu huwa eżebixxa dok EU a fol 50 mnejn jirriżulta li fid-9 t'Ottubru 2020 huwa ħallas l-ammont ta' €300 tramite l-BOV liema pagament huwa intestah bħala "maintenance Sept 2020" u ċjoe li kien jirreferi għall-manteniment dovut minnu għax-xahar ta' Settembru 2020. Inoltre huwa jsostni l-argument tiegħu ukoll għax-xahar t'Ottubru 2020 in kwantu a fol 51 ippreżenta dokument EU1 mnejn jirriżulta pagament ieħor intestat "Urpani Maintenance Faye Urpani October" – riferibbilment għar-retta alimentarja ta' €300 dovuta minnu għal bintu Faye għax-xahar t'Ottubru 2020.

7. Kif intqal, il-parte civile ma tiċħadx li dawn il-pagamenti saru. Fil-prospett eżebit minnha a fol 36 hija tirrikonoxxi li l-appellant ħallas l-ammont ta' erbat elef u ħames mitt euro (€4,500) bejn id-9 t'Ottubru 2020 u d-9 ta' Settembru 2021. Iżda hija xorta waħda insistiet li huwa kien għad fadallu bilanċ t'elf u tminn mitt euro (€1,800) li kellu jħallas.

8. Il-kwistjoni allura ddur dwar il-fatt li ma hemmx qbil bejn il-partijiet dwar għall-liema rati dawn il-pagamenti li għamel l-appellant kellhom jiġu allokati. Iġifieri jekk meta l-appellant reġa beda jħallas ir-retta alimentarja f'Ottubru 2020 huwa kellux il-jedd jiddetermina versu liema xhur kellhom isiru l-pagamenti jew inkella kellhiex raġun il-parte civile tikkontendi li l-pagamenti li huwa beda jagħmel kellhomx jaqtgħu dak il-manteniment li kien l-iżjed l-antik qabel dawk ix-xhur li kienu iżjed riċenti in kwantu, skontha, "you cannot allocate to whatever month he wants".

9. Qabel xejn huwa paċifiku bejn il-partijiet li l-parte civile aċċettat dawk il-pagamenti li l-appellant għamel minn Ottubru 2020 il-quddiem. Hija tgħid li ma kienetx taqbel man-noti li huwa kien jiktbilha versu liema xhur il-ħlasijiet kienu qegħdin isiru. Iżda del resto, il-ħlasijiet hija aċċettathom u rrifjutathomx jew iddepożitathom taħt l-Awtorita tal-Qorti. Fil-prospett eżebit mill-parte civile jirriżulta li hija rrikonoxxiet il-pagament li l-appellant għamel fid-9 ta' Ottubru 2020 bħala li kien il-manteniment dovut mill-appellant għax-xahar ta' Ottubru 2020. Imbagħad allokat il-ħlas li l-appellant għamel fl-14 ta' Novembru 2020 bħala r-retta alimentarja dovuta mill-appellant għax-xahar ta' Novembru 2020 eċċetra eċċetra. Fil-kuntratt tas-separazzjoni ta' bejniethom eżebit a fol 30 jirriżulta li fil-klawżola numru 3 huma qablu li l-manteniment kellu jitħallas "every 30th of the month". Din hija indikazzjoni li l-manteniment kellu jitħallas bix-xahar b'lura u mhux bix-xahar bil-quddiem. Mela allura jfisser li l-intenzjoni tal-partijiet kienet li fit-30 tax-xahar l-appellant iħallas it-tliet mitt euro (€300) manteniment dovut għal dak ix-xahar. Kemm l-intenzjoni tal-partijiet kienet din toħroġ ukoll mill-fatt li l-arretrati tal-manteniment bejn il-15 t'Awissu 2012 u t-30 ta' Novembru 2012 kellhom jiġu mħalsin sal-31 ta' Diċembru 2012.

10. B'hekk il-pagamenti li beda jagħmel l-appellant għandhom ukoll jiġu inkwadrati f'din l-iskema. Huwa minnu li huwa waqa' lura bil-kbir fil-pagamenti tal-manteniment. Iżda meta huwa reġa beda jħallas l-ewwel rata fid-9 t'Ottubru 2020, fil-verita bil-loġika tal-kuntratt tas-separazzjoni dak il-ħlas kellu jsir fit-30 ta' Settembru 2020 u kellu jkun intiż li jkopri l-manteniment għax-xahar ta' Settembru 2020 aktar milli dak t'Ottubru. Kien għal dan il-għan li fin-nota għall-pagament imsemmi l-appellant annota li dak il-manteniment kien qiegħed jiġi versat biex jissalda r-retta dovuta għal Settembru 2020. U kif intqal u intwera, din l-asserzjoni mhix bla bażi.

11. L-istess jista' jingħad għar-retta mħalsa fl-14 ta' Novembru 2020 u li suppost allura ġiet imħalsa lill-parte civile fit-30 t'Ottubru 2020 intiża li testingwi d-debitu ossija mir-retta alimentarja tax-xahar t'Ottubru 2020.

12. In definittiva għalhekk bl-argument tal-parte civile, li kieku hija verament kienet riedet iżżomm mal-ħsieb tagħha li qabel xejn jiġu estinti r-retti alimentarji l-iżjed antiki, allura hija suppost li allokat ir-retta alimentarja riċevuta minnha fid-9 t'Ottubru 2020 immedjatament mar-retta alimentarja pretiża minnha għal Jannar 2020 – ħaġa li pero mill-prospett eżebit minnha ma tirriżultax.

13. Inoltre, din il-Qorti rat li anke l-Kodiċi Ċivili, fin-nuqqas ta' ftehim speċifiku bejn kreditur u debitur relattivament għall-kif u għal liema dejn debitur ikun qiegħed iħallas ammonti ta' debitu, jippreskrivi regoli li jagħtu lid-debitur ċertu vuċi dwar liema debiti jinqatgħu bi preċedenza għal oħrajn skont kif ikun iddetermina d-debitur.

14. Bejn l-appellant u l-parte civile jirriżulta li ma kienx hemm komunikazzjoni. Ma jirriżultax li l-parte civile kienet insistiet li l-ammonti ta' flus li kienet qegħda tirċievi mingħand l-appellant kellhom jiġu imputati għal xhur partikolari.

15. Meta l-appellant reġa beda jħallas, huwa indika speċifikament għall-liema dejn, ossija għall-liema xahar huwa kien qiegħed iħallas dik ir-retta alimentarja. Ix-xahar li għalih huwa imputa l-ħlas kien, f'dak l-istadju jirrappreżenta dejn magħluq. Huwa ħallas f'Ottubru 2020 dejn li kien għalaq fit-30 ta' Settembru 2020. L-artikolu 1168 tal-Kodiċi Kriminali jgħid hekk:

> 1168. (1) Id-debitur li jkollu iżjed minn dejn wieħed, għandu jedd jiddikjara, fil-waqt tal-ħlas, liema huwa d-dejn li jrid iħallas.
> (2) Iżda d-debitur ma jistax, mingħajr il-kunsens tal-kreditur, jimputa l-ħlas għal dejn mhux magħluq minflok li għal dejn magħluq, fil-każ li jkun preżunt li ż-żmien tad-dejn mhux magħluq kien ġie miftiehem ukoll favur il-kreditur.
> (3) Lanqas ma jista' jimputa l-ħlas għar-renti jew għall-imgħaxijiet tas-snin ta' wara minflok li għar-renti jew imgħaxijiettas-snin ta' qabel.

16. Filwaqt tal-ħlas l-appellant debitur iddikjara liema dejn huwa ried iħallas, u ma imputax ħlas għal dejn mhux magħluq minflok għal dejn magħluq. Imbagħad l-appellant ma aċċetta ebda riċevuta mingħand il-kreditriċi parte civile li permezz tagħha hija imputat espressament il-ħlas riċevut għal wieħed minn dawk id-djun. Kif

intqal ma jirriżultax mill-provi li l-parte civile kienet b'xi mod insistiet mal-appellant li l-ħlasijiet li kien qed jagħmel jiġu imputati għal xhur partikolari. Hija aċċettat il-flus, pero ma pprotestatx miegħu id-dissens tagħha dwar il-mod kif l-appellant kien qiegħed japproprja dawk il-pagamenti versu d-diversi retti alimentarji li kienu skaduti sa dak iż-żmien. Ma jirriżultax mill-atti li l-parte civile avvaliet ruħha mir-rimedju mogħti lilha mill-artikolu 1170 tal-Kodiċi Ċivili li jgħid:

> 1170. Jekk id-debitur, li jkollu iżjed minn dejn wieħed, jaċċetta riċevuta li biha l-kreditur jimputa espressament il-ħlas għal wieħed minn dawn id-djun, ma jistax jitlob li l-ħlas imur għal dejn ieħor, kemm-il darba ma jkunx hemm għemil doluż jew sorpriża min-naħa tal-kreditur.

17. Iżda aktar minn hekk, il-mod kif l-appellant approprja l-ħlasijiet tiegħu versu debiti li kienu iżjed onerużi fil-konfront tal-posizzjoni tiegħu minħabba li huwa kien suġġett għal proċeduri kriminali kontra tiegħu għalihom jista' jitqies ukoll suffragat mill-ispirtu ta' dak kontenut fl-artikolu 1171 tal-Kodiċi Ċivili li jgħid:

> 1171. Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikoli ta' qabel dan,meta ebda imputazzjoni ma tkun saret fil-waqt tal-ħlas, għandhomjitħarsu r-regoli li ġejjin:
> (a) il-ħlas għandu jitqies li sar għad-dejn mhux ikkontestat qabel id-dejn ikkontestat;
> (b) meta hemm iżjed minn dejn wieħed mhux ikkontestat, il-ħlas għandu jitqies li sar għad-dejn illi fiż-żmien tal-ħlas ikun ġa magħluq qabel id-djun li jkunu għad magħalqux, ħlief jekk fost dawn id-djun imsemmijin l-aħħar ikun hemm dejn illi għalih id-debitur hu suġġett għall-arrest tal-persuna, f'liema każ il-ħlas għandu jitqies li sar fuq dak id-dejn, kemm-il darba ż-żmien għall-ħlas ma kienx ġie miftiehem ukoll favur il-kreditur;
> (ċ) fost id-djun magħluqa, il-ħlas għandu jitqies li sar għad-dejn li għalih id-debitur hu suġġett għall-arrest tal-persuna, jew, meta ma jkunx hemm dejn ta' din ix-xorta, għal dejn li jagħti mgħaxijiet, qabel djun oħra;
> (d) il-ħlas għandu jitqies li sar għad-dejn imsaħħaħ b'garanzija qabel dejn ieħor mhux hekk imsaħħaħ; u fuq id-dejn bi privileġġ jew b'ipoteka qabel dejn li majkunx bi privileġġ jew b'ipoteka;
> (e) il-ħlas għandu jitqies li sar għad-dejn illi dak illi ħallas kellu jagħti bħala debitur prinċipali jew bħala obbligatwaħdu qabel dejn li kellu jagħti bħala garanti ta' ħaddieħor jew bħala debitur in solidum ma' debituri oħra;
> (f) fil-każijiet mhux imsemmija espressament fir-regolita' qabel din, il-ħlas għandu jitqies li sar għad-dejn illi,fiż-żmien tal-ħlas, id-debitur kellu l-iżjed interess lijħallas;
> (g) meta d-debitur ma jkollu ebda interess li jħallas dejn qabel ieħor, il-ħlas għandu jitqies li sar għad-dejn l-iżjed qadim: u fost id-djun li jkunu saru f'ġurnata waħda, u li ma jagħilqux fi żmien wieħed, jitqies bħalaiżjed qadim id-dejn li jagħlaq l-ewwel;
> (h) jekk id-djun ikunu f'kondizzjoni waħda, l-imputazzjoni ssir pro rata.

18. Iġifieri anke l-Kodiċi Ċivili stess jagħti lid-debitur il-jedd li jqis ukoll l-interessi tiegħu meta huwa jħallas dejn qabel ieħor. U huwa meta d-debitur ma jkollu ebda interess li jħallas dejn qabel ieħor li l-ħlas għandu jitqies li sar għad-dejn l-iżjed Qadim.

19. In definittiva għalhekk din il-Qorti, mingħajr ma tidħol fuq il-meritu tal-kwistjoni bejn il-partijiet dwar l-arretrati tal-manteniment dovuti mill-appellant versu l-parte civile għal dawk ix-xhur li ma humiex koperti biż-żmien imsemmi fil-komparixxi, tqis li l-appell tal-appellant għandu, fis-sustanza tiegħu, jiġi milqugħ.

20. Mill-iskeda tal-pagamenti eżebita mill-parte civile stess jirriżulta li bejn it-12 ta' Jannar 2021 u l-15 ta' Ġunju 2021 l-appellant ħallas disa mitt euro (€900) extra. Jirriżulta mid-dokumenti eżebiti minnu stess waqt il-kontro-eżami tal-parte civile li huwa kien qiegħed jimputa dawn il-ħlasijiet extra li kien qiegħed jagħmel għal dawk ix-xhur, prinċipalment jissemmew Lulju u Awissu 2020 u li kienu wkoll xhur koperti mill-kwereli li kienet għamlet kontra tiegħu il-parte civile. Din il-Qorti tqis li in bażi għall-provi li kellha quddiemha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta), hija kellha evidenza, sal-grad tal-probabbli, li dawk il-ħlasijiet extra kienu qegħdin isiru mill-appellant sabiex jestingwu d-debitu tiegħu ta' manteniment għal dawk ix-xhur li kienu milquta mill-kwerela u l-proċeduri kriminali kontra tiegħu biex b'hekk huwa kellu interess ċar li jiġu estinti dawk id-debiti qabel ammonti dovuti minnu f'manteniment għal xhur oħra, inkluż dawk preċedenti u li ma kienx għadu ġie kwerelat għalihom. Oltre minn hekk, kif intqal ma jirriżultax li l-parte civile, b'xi mod ħarġitlu xi riċevuta li permezz tagħha hija imputat espressament il-ħlas għal xi wieħed minn dawk ix-xhur partikolari li hija kienet qegħda tippretendi li titħallas tagħhom, u konsegwentement l-anqas ma l-istess appellant ġie li aċċetta tali riċevuta in kwantu ma jirriżultax mill-atti li din qatt eżistiet.

21. B'hekk din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha evidenza li turi sal-grad tal-probabbli li l-appellant kien ħallas ir-retta alimentarja tax-xhur ta' Settembru u Ottubru 2020 qabel ma skada ż-żmien imsemmi fl-artikolu 338(z) tal-Kodiċi Kriminali; kif ukoll li għalkemm tardivament, l-appellant ħallas ukoll ir-retta alimentarja dovuta minnu għax-xhur ta' Ġunju 2020, Lulju 2020 u Awissu 2020. Dan qiegħed naturalment jingħad mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe arretrati oħra ta' manteniment li talvolta huma dovuti mill-appellant versu l-parte civile u li allura jibqgħu impreġudikati minn din is-sentenza.

22. In kwantu għall-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati, huwa prinċipju ormai stabbilt li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell Kriminali tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005:

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
>
> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."[2]
>
> This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

23. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15

ta’ Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta’ appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti.

24. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista’ tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta’ dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta’ sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista’ jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli għall-offiża in kwistjoni u għaċ-ċirkostanzi tal-ħati u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni.

25. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **Ir-Repubblika ta’ Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta’ Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti:

> 8. Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta’ l-ewwel qorti) li kien jincidi b’mod partikolari fuq il- piena. S’intendi, kif diga` nghad, “sentencing is an art rather than a science” u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta’ kaz ma’ iehor jew tal-piena erogata f’kaz ma’ dik erogata f’kaz iehor.

26. Il-ġurisprudenza prevalenti f’dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F’dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta’ reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell

fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza **Butler** tqis anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-ewwel qorti.

27. Illi dan ir-reat jinsab f'Taqsima Tlieta tal-Kodiċi Kriminali, taħt is-sub-titolu numru wieħed f'dik is-sezzjoni li titratta l-kontravenzjonijiet li huma ta' ordni pubbliku, u l-piena relattiva hija, skont l-Artikolu 7(2) tal-imsemmi Kodiċi :

a) Id-detenzjoni,

b) L-ammenda,

c) Iċ-ċanfira jew it-twiddiba.

28. Iżda ġaladarba l-Qorti kkunsidrat li f'dan il-każ id-diversi infrazzjonijiet ġew marbuta ma xulxin bil-kwalifika tar-reat kontinwat u b'hekk dik il-Qorti setgħet tawmenta l-piena bi grad jew tnejn, jirriżulta li l-piena imposta minn dik il-Qorti kienet fil-parametri u ma kienetx eċċessiva. Anzi jekk xejn kienet diġi miti.

29. Biss fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula iżjed il-fuq, din il-Qorti sejra tagħmel reviżjoni fil-piena inflitta, li, kif diġa intqal kienet diġa miti. Iżda l-bdil f'parti mis-sejbien ta' ħtija nonche l-ħlas tal-manteniment għall-perjodu inkriminat, għalkemm tardivament, irid ukoll jiġi rifless fil-piena imposta.

# Deċide

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, il-Qorti qegħda tilqa' l-appell in parti u tirriforma s-sentenza appellata billi:

(a) Filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabitu ħati tar-reat imputat għall-perjodu bejn Ġunju 2020 u Awissu 2020, tħassarha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati wkoll tar-reat imputat għall-perjodu bejn Settembru 2020 u Ottubru 2020 u tiddikjarah mhux ħati tal-imsemmija imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu biss u limitatament għall-perjodu Settembru 2020 u Ottubru 2020 u minnha tilliberah;

(b) Kif ukoll tħassarha f'dik il-parti tal-piena ossija fejn ai termini tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta illiberatu bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena filwaqt li ordnatlu jħallas kwalunkwe

pendenzi li setgħa kien hemm għall-perjodu meritu tal-kawża in kwistjoni;

(c) U minflok, stante li bis-saħħa ta' din is-sentenza din il-Qorti kkonfermat dik il-parti tas-sentenza fejn sabitu ħati tar-reat imputat għall-perjodu bejn Ġunju 2020 u Awissu 2020, wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sitt xhur millum. Il-Qorti tiddikjara li ai termini tal-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qabel ma emanat tali ordni, hija fissret lill-ħati bi kliem ċar, sempliċi u li jinftiehem li jekk huwa jagħmel reat ieħor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**